# *PAPA WOJTYLA BEATU*

Il-papa taz-zaghzagh, il-papa tal-vjaggi appostolici madwar id-dinja, il-papa li kien xiehda straordinarja ta' fidi fil-mard, ser ikun dikjarat beatu fl-1 ta' Mejju. Dan iddecidih Benedittu XVI wara li gie rikonoxxut miraklu li sehh bl-intercessjonji tal-papa polakk.



Kemm nies sabu mill-gdid lil Alla, imqanqlin mill-umanita' tieghu, mill-hila li kellu li jisma' u jahfer. Ser ikun dikjarat Beatu fil-jum li fih il-knisja ticcelebra l-festa tal-Hniena Divina, festa li kienet imwaqqfa minnu stess.

L-Imhabba lejn Kristu tal-Papa Wojtyla kienet imhabba ghal kull bniedem, indipendentiment mill-kulur tal-gilda tieghu, jew mill-kredu religjuz tieghu. Bil-beatifikazzjoni tieghu hemm is-sigill u l-approvazzjoni uficcjali tal-Knisja ta' l-ezempju evangeliku li wettaq matul hajtu.

Kien il-papa li gharaf l-orrur tal-gwerra u tal-gvernijiet dittatorjali, li ddefenda l-kawza tal-bniedem u d-drittijiet umani b'forza qawwija u tant hegga li rriskja li jkun maqtul. Giovanni Pawlu II imbotta r-religjonijiet l-ohra u knejjes diversi biex isibu l-vera natura taghhom, cioe, li jkunu

bennejja tal-paci. Kien il-bniedem li kisser il-hitan ideologici, politici u anke konfessjonali u beda' djalogu bejn partijiet li ma kienux  jitkellmu.  Ippresenta lid-dinja l-kuragg evangeliku : " Nehhu kull biza'".  Ghen bis-shih biex il-bniedem isib lil Alla u jiskopri l-kobor li tkun bniedem.

Il-Papa Wojtyla kien rigal kbir minn Alla li ghen hafna lil bniedem biex jikber fil-fidi tieghu lejn Alla u kien il-mutur li l-Knisja tikber ukoll: energija ta' grazzja moghtija lilna minn Alla kollu Hniena li tant habbna waqt li kien qed jispira ftit ftit fuq is-Salib.